*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

## Disa' Legislatura

### *Laqgħa numru 52*

***5.30p.m  8 ta' Novembru 2022***

### *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Josef Azzopardi | - Sindku |
| Is-Sur Joseph Scerri | - Viċi Sindku |
| Is-Sur Francis Debono | - Kunsillier |
| Is-Sur Colin Pace | - Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | - Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Lia | - Kunsillier |
| Is-Sinjura Charmaine Aquilina | - Kunsillier |

### *Assenti b'Apoloġija*

Is-Sur Francis Debono - Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa online.

### *52.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

52.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsillier is-Sur Francis Debono talab li jiġi skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

# *52.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

52.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 51. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *52.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

52.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ser ikun qed jibbenefika min skema tar-Reġjun Nofsinhar sabiex jiġu ffinanzjati s-siġra tal-Milied/presepji fil-lokalitajiet rispettivi. Is-Sindku xtaq ifakkar ukoll lil dawk preżenti li nhar il-Ġimgħa 11 ta' Novembru fis-7.00 ta' filgħaxija ser ikun hemm il-preżentazzjoni tal-ktieb dwar il-ħajja ta' Patri Donat Spiteri. Punt ieħor li semma s-Sindku huwa dwar il-servizz tal-vann tal-Kunsill u li dan is-servizz beda' bi skeda.

52.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill kien rebaħ skema biex jitweħħlu strumenti mużikali ta' kwalita' fejn dawn ser ikunu qed jitwaħħlu fi Ġnien Belveder, u li ser ikunu qed jingħataw mill-Esplora. Is-Sindku qal ukoll li x-xgħol fuq il-kappella ta' Ċejlu beda' u l-wires li kienu qed ikerħu l-faċċata tneħħew. Finalment, s-Sindku qal li bħas-sena l-oħra l-President's Fun Run ser tkun qe tgħaddi min Triq Diċembru 13 u ser ikunu qed nitolbu l-għaqdiet fil-lokal sabiex b'mod volontarju jdoqqu waqt li jkunu għaddejjin il-parteċipanti. Huwa qal li r-residenti jistgħu jiġu l-Kunsill sabiex jipprenotaw u jkollhom vowċer u flokk tal-attivita'.

# *52.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

52.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri spjega li l-bieraħ ġie avviċinat min membri tal-Kumitat Festi Esterni tas-Ssma. Trinita' biex tiġi organizzata laqgħa. Is-Sindku spjega li l-membri xtaqu li jagħmlu din il-laqgħa dwar dak li ġara waqt l-festa tal-Akbar Titulari. Is-Sindku qal li huwa m'għandhu l-ebda problema li ssir laqgħa, madankollu huwa importanti li l-laqgħa ssir online hekk kif huwa attwalment ma jistgħax joħroġ mid-dar. Il-Viċi Sinkdu qal li japprezza li l-laqgħa tkun waħda fejn ikunu nklużi l-Membri kollha tal-Kunsill u mhux numru minnhom. Is-Sindku qabel perfettament ma din il-proposta.

52.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace staqsa dwar post li poġġa fuq il-facebook il-Viċi Sindku u kien hemm kumment mill-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer dwar laqgħa t'Infrastructure Malta. Huwa staqsa jekk din il-laqgħa kienet miftuħa għall-kunsilliera kollha. Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer qal li japprezza li dan il-punt issemma dan hekk kif kien hemm korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill lil kull kunsillier u fejn kull kunsillier seta' jattendi. Hawnhekk il-Kunsillier Spencer xtaq jelabora dwar l-andament ta' din il-laqgħa fejn min issa l-quddiem l-asfaltar tat-toroq mhux ser isir kollu min Infrastructure Malta, iżda bil-metraġġ, u dan il-metraġġ jiżdied skond kemm hemm residenti fil-lokalita'. Il-Kunsillier qal li l-Kap Eżekuttiv t'Infrastructure Malta qallu li ma jafx bil-kwistjoni tat-traffic lights li hemm fil-Marsa-Ħamrun byepass u l-anqas dwar ir-riġenerazzjoni tal-Menqa. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-kap eżekuttiv t'Infrastructure Malta ma jafx dwar il-kwistjoni tal-Marsa Ħamrun byepass mhix korretta hekk kif huwa stess kellmu dawn l-aħħar bil-għan li r-residenti ta' Triq Jean de La Cassiere ikollhom ċavetta. Kien hemm diskussjoni fost dawk preżenti u kien hemm qbil li l-Kunsill għandhu jagħmel laqgħa bejn l-istakeholders fosthom il-Grand Harbour Reġeneration Committee, Transport Malta, l-Ministru Aaron Farrugia u l-Ministru Miriam Dalli. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer saħaq li dwar l-arranġamenti fit-triq hemm bżonn li jinqabdu esperti tat-traffiku, u anke parir legali peres li faċli li l-Kunsill jidħol responsabbli dwar din is-sitwazzjoni. Is-Sindku qabel ma dan il-punt.

52.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li fl-aħbarijiet il-Kamra tal-Periti urew ix-xewqa li l-bini tas-Sea Malta jerġa jingħata lura lill-pubbliku Malti. Il-Kunsillier irrimarka li huwa personalment jixtieq li kieku l-post jingħata lura lill-Marsin. Il-Kunsillier staqsa ukoll dwar jekk il-kameras li ngħataw lill-Kunsill mill-Ministeru tal-Kultura tweħħlux. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi kkonferma li qed isir xogħol biex dawn isiru.

52.4.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri talab update dwar jekk sarx id-dawl ta' Triq Diċembru 13 u dwar jekk il-Kunsill għamilx l-oġġezzjoni dwar l-applikazzjoni ta' Falzon. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi kkonferma fl-affermattiv għaż-żewġ mistoqsijiet.

## *52.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

52.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 11/2022 annessa. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li ser ikun hemm vot imressaq mill-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer kif issemma fil-laqgħa preċedenti dwar jekk huwiex ser isir tnaqqis ta' 15% fuq l-ammont dovut lill-Banda tas-Ssma. Trinita' (item number 5893). Is-Sindku, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri u l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia huma favur li jitħallsu t-total tal-ammont, filwaqt li l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer huwa kontra, l-Kunsillier is-Sur Colin Pace u l-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina astjenew. B'hekk l-ammont totali ser jitħallas lill-Banda tas-Ssma. Trinita'

52.Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet l-oħra mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

.

## *52.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

52.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-attivita' tal-Wasla tal-George Cross fil-Marsa kienet suċċess, tant li fil-fatt il-kumpanija the BattleFront Living History Group esprimew is-sodisfazzjon tagħhom fejn ikkalkulaw li madwar elf u elfejn ruħ ġew fil-premises tal-Kunsill. Madankollu, huma xtaqu jiskużaw ruħhom li waqt il-preżentazzjoni kien hemm referenza għas-Sindku, meta t-titlu tas-Sindku ma kienx jeżisti f'dan il-perjodu kolonjali.

52.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri xtaq jinforma l-Kunsill li huwa ħassu ddispjaċut u umiljat li waqt il-preżentazzjoni tal-George Cross ma kienx hemm huwa bħala Viċi Sindku, fl-assenza tas-Sindku. Wara diskussjoni fost dawk preżenti s-Sindku qal stqarr li din kienet re-enactment jiġifieri reċta, fejn ta' kappillan kien qed jagħmilha zgħazugħ mill-Marsa, fejn is-suldati ma kienux veri u fejn il-George Cross kien kopja u mhux dak oriġinali għax oriġinali ma joħroġ. Is-Sindku tenna li anki li kienu hu kien jista' jattendi kien diġa' qal lis-Sur Dominic Spencer biex jagħmel dik il-parti u dan mhux b'nuqqas ta' rispett lejn il-kariga ta' Viċi Sindku.Dana ġara li f'attivita' t'Ottubru l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer li ħa ħsieb l-attivita' tal-Akbar Titulari ma kellux ċans jaqra waqt il-quddiesa tal-okażżjoni meta fil-fatt il-kunsllier kien ħa ħsieb ta' ħafna mill-attivita' hekk kif inhu d-dekasteru tiegħu. Is-Sindku bħala rispett lejn il-Kunsillier kien taħ din il-parti fl-attivita' t'Ottubru . Is-Sindku għamilha ċara li r-rispett lejn il-kariga tal-Viċi Sindku għandha dejjem tkun hemm, fil-fatt fil-ftuħ uffiċjali tal-wirja tas-Sibt kien il-Viċi Sindku li fettaħha peress li din kiienet attivita' uffiċjali. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri għamilha ċara wkoll li dak li qed iressaq mhux b'mod personali iżda biex jissalvagwardja l-pożżizzjoni tat-titlu. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer għamel referenza għal xi insulti li ġarrab fuq facebook. Is-Sindku, l-Viċi Sindku u kull Kunsillier ieħor ikkundannaw dawn l-insulti li seta' ġarrab il-Kunsillier Spencer.

52.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Marsa Trinity FC qed jistaqsu jekk il-Kunsill hux interessat jagħmel reklam fuq il-kalendarju li l-ammont tar-reklam huwa ta' €200. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

52.6.4 Is-Sindku qal li l-Kumitat Festi Esterni Marija Reġina qed jistaqsu l-Kunsill hux interessat jagħmel reklam fuq il-kalendarju li ser jiġi mqassam b'xejn fi-djar tal-lokal. Il-prezz għal dan ir-reklam huwa ta' €250. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

52.6.5 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Għaqda Festi Esterni Ssma' Trinita' qed jistaqsu jekk il-Kunsill hux interessat li jagħmel reklam fuq il-kalendarju 2023 bħas-snin preċedenti. Il-ħlas għal dan ir-reklam huwa ta' €250. L-għaqda staqsiet ukoll jekk il-Kunsill huwiex ser juża s-servizzi li jintalbu mill-Kunsill ta' kull sena sabiex jintrama l-armar tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li ser jintbgħatu l-emblemi rispettivi fosthom tar-Reġjun u tal-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

52.6.6 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li għat-tielet sena dan il-Milied ser terġa tittella' l-kampanja Rigal b'Imħabba u b'differenza din is-sena ser issir bis-sehem tal-Kunsilli Lokali. Jekk il-Kunsill jixtieq jipparteċipa għandha tinxtghel siġra tal-Milied f'post prominenti nhar l-1 ta' Diċembru sabiex ir-residenti bejn it-12 u d-19 ta' Diċembru jkunu jistgħu jpoġġu rigal taħt is-siġra. Kien hemm qbil li jsir dan u li s-siġra titqiegħed fil-bini tal-Kunsill Lokali. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *52.7 WasteServ - kwistjonijiet;*

52.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħti d-dettalji dwar l-organic waste invoices u għaliex il-WasteServ ma jridux jħallsu dawn l-invoices. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fl-1 ta' Settembru l-Kunsill irċieva korrispondenza li tgħid li peress li ma ntbgħatux l-organic waste invoices ta' xahrejn il-Kunsill mhux ser jirċievi rifuzjoni tagħhom. Dakinhar stess il-Kunsill bgħatt dak kollu li kien mitlub jibgħat, madankollu, l-WasteServ xorta insistiet li mhux ser ikun hemm refużjoni ta' fondi minkejja l-fatt li ma kien hemm l-ebda penali mniżżel fil-ftehim dwar l-organic invoices. Is-Sindku spjega li wara li tkellem mall-avukat kien ċar li dan huwa abbuż tal-poter tal-kumpanija, huwa jixtieq li jkun hemm approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tintbgħat ittra legali lill-WasteServ. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet, il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

52.7.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega ukoll li attwalment il-Kunsill għandhu ukoll kwistjoni oħra mall-WasteServ, dan hekk kif iddeċidew mingħajr ebda konsultazzjoni u pre-avviż li ser jieqfu jaċċettaw id-demel fil-faċilitajiet tagħhom. Il-Kunsill apparti kollox irid joqgħod attent għaliex wara li kien hemm deċiżjoni legali tal-2014 fejn il-Kunsill ġie mogħti fondi addiżjonali sabiex inaddaf iż-żona tal-korsa, u għalhekk jixtieq li jkun hemm analiżi legali tas-sitwazzjoni. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li huwa importanti li tas-Sanita' jkunu involuti f'din il-kwistjoni. Is-Sindku temm jgħid li ser ikun qed ikellem l-avukat u ser jerġa jinforma lill-Membri tal-Kunsill.

## *52.8 Update - Attivitajiet Belt Kulturali;*

52.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li nhar is-Sibt 19 ta' Novembru ser ikun hemm serata ġewwa l-kappella tal-Waterfront, b'mużika klassika u wara ser ikun hemm riċeviment u wirja ta' ritratti antiki tal-lokalita'.

52.8.2Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi filwaqt fakkar il-dawk preżenti li l-attivita' ewlenija li ser tagħlaq uffiċjalment is-sena kulturali tal-Marsa ser tkun l-attivita' ta' Christmas Under the Bridge fl-14 ta' Diċembru fejn fost affarijiet oħra ser ikun hemm l-għoti ta' Gieħ il-Marsa.

## *52.9 Update – Attivitajiet tal-Milied;*

52.9.1 **Is-**Sindku stieden il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer jagħti d-dettalji tal-attivitajiet li ser jorganizza l-Kunsill għax xahar ta' Diċembru.

52.8.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer fakkar il-dawk preżenti li fit-12 ta' Diċembru ser ikun hemm attivita' kulturali fi Triq Isouard u Triq Zerafa bil-parade ta' karrijiet u żeffiena tal-Milied, filwaqt li fit-18 ta' Diċembru ser ikun qed jinfetaħ uffiċjalment presepju tassew speċjali li jirrafigura nies u binjiet fil-Marsa. Dan ser ikun esebit fil-bini tal-Kunsill Lokali tal-Marsa sas-6 ta' Jannar.

52.8.3 Il-Kunsillier is-Sur Dominic qal li ser ikun hemm il-party għat-tfal bit-train ride ħdejn il-Kunsill fit-28 ta' Diċembru. Is-Sindku finalment qal li l-ikla tal-anzjani ser tkun kif spjegat fil-laqgħa preċedenti fil-15 ta' Diċembru.

## *52.10 Nominazzjoniet Ġieħ il-Marsa*

52.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li matul dawn l-aħħar ġimgħat il-Kunsill talab lill-għaqdiet tal-lokal jekk għandhomx persuni li jixtiequ jinnomminaw għall-Ġieħ il-Marsa. Il-lista tal-persuni li ġew imressqa huma dawn li ġejjin; is-Sur Mario u s-Sinjura Joyce Bonnici, s-Sur Joseph Frendo, s-Sur Frank Zammit u Suor Annie Pisani, s-Sur Charles Attard, is-Sur Tonio Borg u s-Sur Teddie Farrugia. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace xtaq jinnomina lis-Sur Mark Darmanin minħabba x-xogħol li għamel fil-lokalita'. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellhom oġġezzjoni ġie mifthiem li dawn il-persuni ser jingħataw dan it-titlu prestiġġjuż. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *52.11 Jum il-Marsa f'Jannar 2023*

52.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li f'Jannar tas-sena d-dieħla jixtieq li għall-Jum il-Marsa issir Quddiesa fil-parroċċa tas-Ssma. Trinita' peress li s-sena l-oħra saret fil-Knisja ta' Marija Reġina u se jipprova li wara jsir reanactment tal-bandu ta' meta l-Marsa nxtrat bħala fewdu mill-Granmastru Jean De La Cassiere. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat u l-vot favur din l-attivita' kien unanimu.

## *52.12 Kwotazzjoni ta' Charging Pillar*

52.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti d-dettalji ta' charging pillar li jkun għall-użu esklussiv tal-Kunsill sabiex jiġi ċċarġjat il-vann tal-kommunita'. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ċ-charging pillar tiswa €1,599.41 mingħajr VAT, u li huwa ddisinjat apposta għall-mudell ta' vann li l-Kunsill xtara. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu mistoqsijiet, il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwat li l-vot favur kien unanimu.

## *52.13 Update – Day Care Centre Tender*

52.13.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv dwar l-andament tal-proġett tad-Day Care Centre. Huwa qal li attwalment it-tender ġie magħluq u hemm kumpanija waħda li wuriet interess li tagħmel dan il-proġett. Madankollu, l-prezz li qed titlob huwa ta' madwar €120,000 li huwa ferm aktar min dak ipproġettat. Sadanittant, il-Kunsill bgħat id-dettalji lill-Perit tal-Kunsill sabiex issir evalwazzjoni dettaljata tal-prodotti li din il-kumpanija qegħda toffri. Mill-analiżi tiegħu jidher li l-biċċa l-kbira tal-prezzijiet huma dawk li wieħed jara fis-suq. Hemm ukoll possibilita' kbira li d-Dipartiment li qed jieħu ħsieb il-fondi ikun lest li jżid l-ammont ta' fondi. Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie miftiehem li dan item jerġa jitla' f'seduta oħra wara li l-Kunsilliera jingħataw aktar dettalji dwar dan it-tender. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *52.14 Vann tal-Kunsill pagament*

52.14.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li biex id-Dipartiment tal-Gvern Lokali jagħti l-pagament sħiħ tal-iskema li biħ il-Kunsill iffinanzja t-tender ikun irid jħallas l-ammont ta' darba ta' €5422.25. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *52.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

52.15.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm u ġiet aġġornata għas-6 ta' Diċembru fil-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |